MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 1039/2006

**Kawża Numru 7**
**Rik. Nru. 1039/06JRM**

Nadia **ŻAMMIT** għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Ibrahim u Romilda konjuġi Ibrahim

vs

Edward u martu Rose konjuġi **ANASTASI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Novembru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi *nomine* talbet li din il-Qorti (a) ssib li t-tisqif li l-imħarrkin għamlu

mingħajr il-permessi meħtieġa fil-bitħa tal-post tagħhom bl-isem ta' "*Kitty House*", Triq il-Kottonera, fil-Birgu, kixef il-ġid tal-atturi *proprio* għall-indħil mill-barranin u ġab fix-xejn il-privatezza ta' ħwejjiġhom;  (b) tikkundanna lill-istess imħarrkin sabiex, bi spejjeż tagħhom u fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalhom, jneħħu l-istess tisqif;  (ċ) tawtorizżaha biex, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jwettqu dak lilhom ordnat, fiż-żmien lilhom mogħti, tagħmel hi x-xogħlijiet meħtieġa bi spejjeż tagħhom;  u (d) tordna li l-imsemmija xogħlijiet isiru taħt is-superviżjoni ta' perit tekniku minnha maħtur.  Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 2006, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi *nomine* dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin miżżewġin Anastasi fl-1 ta' Lulju, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talbiet tal-attriċi *nomine* billi qalu li, preliminarjament, l-kawża ma setgħetx issir għaliex l-atturi *proprio* kienu diġa' fetħu kawża kontrihom żmien qabel fuq l-istess mertu, imma ħallewha tmur deżerta f'Lulju tal-2005[1] u sal-lum baqgħu ma ħallsuhomx l-ispejjeż ġudizzjarji ta' dik il-kawża.  Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-tisqif tal-kamra tal-bitħa tagħhom ma jista' bl-ebda mod jikser xi jeddijiet tal-atturi, imma, għall-kuntrarju, huma l-istess atturi li b'għamilhom qegħdin jiksru l-jeddijiet tal-imħarrkin (u dwar dan l-istess eċċipjenti ressqu kawża kontra l-atturi[2];

Rat li, minkejja d-degriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 2006, l-attriċi *nomine* naqset għal kollox milli twettaq dak lilha ordnat;

Rat id-degriet tagħha li bih ordnat li l-kawża titqiegħed għall-Proċedura tas-Smigħ Qabel il-Proċess (*Pre-trial*) għat-2 ta' Ġunju, 2009;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrkin miżżewġin Anastasi dwar l-eċċezzjoni preliminari tagħhom;

---

[1] Ċitazz. Nru. 1022/98JRM li marret deżerta fit-13 ta' Lulju, 2005
[2] Ċitazz. Nru. 888/05GCD

Rat li l-attriċi *nomine*, minkejja li kienet notifikata kif imiss, ma dehret qatt quddiem il-Qorti u lanqas deher l-avukat tagħha;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet "*Ibrahim Ibrahim u martu Romilda vs Edward Anastasi*" (Ċitazz. Nru. 1022/98JRM);

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2009, li bih ħaliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin miżżewġin Anastasi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tneħħija ta' bini li l-attriċi *nomine* tgħid li sar mingħajr permess mill-imħarrkin fi ħwejjiġhom u li minħabba fih il-ġid tal-atturi *proprio* tilef il-privatezza tiegħu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu bl-eċċezzjoni preliminari li din l-azzjoni ma setgħetx tinbeda għaliex l-atturi kienu diġa fetħu kawża fuq l-istess mertu snin qabel imma ma komplewhiex u saħansitra kienet marret deżerta.  Billi l-atturi baqgħu ma ħallsux l-ispejjeż taxxati, ma setgħux jiftħu kawża oħra dwar l-istess mertu. Minbarra dan, fil-mertu, laqgħu billi qalu li huma m'għamlu xejn fi ħwejjiġhom li bih seta' ntlaqat xi jedd tal-atturi dwar it-tgawdija ta' ġidhom, imma, għall-kuntrarju, kienu l-istess atturi li kisru l-jeddijiet ta' tgawdija tal-eċċipjenti fuq ħwejjiġhom u dwar dan hemm kawża li qiegħda tinstema' quddiem il-Qrati Maltin;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin Anastasi;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-imħarrkin joqogħdu f'dar bl-isem ta' "*Kitty House*", Triq il-Kottonera,

Birgu. Din id-dar, f'biċċa minnha, tiġi taħt il-post li jġib l-isem ta' "*Jasmar*", fl-istess triq. Dan it-tieni post huwa ġid tal-atturi Ibrahim. Illum il-ġurnata l-atturi jgħixu l-Ingilterra;

Illi f'Mejju tal-1998, l-atturi kienu fetħu kawża quddiem din il-Qorti kontra l-imħarrek Edward Anastasi. F'dik il-kawża, l-atturi kienu talbu (i) it-tneħħija tas-saqaf li sar fil-bitħa tal-post tal-imħarrek li jiġi fil-livell tat-tieqa tal-kċina tal-fond tal-atturi; u (ii) li f'każ li l-imħarrek jonqos li jwettaq dak lilu ordnat u fiż-żmien lilu mogħti, l-atturi jitħallew jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa bi spejjeż għall-imħarrek. Wara li dik il-Qorti kienet ħatret perit tekniku f'Mejju tal-1999, baqa' ma tressaq l-ebda rapport ukoll għaliex il-perit maħtur kien fisser lill-Qorti[3] li kien qiegħed isib diffikultajiet biex jagħlaq il-ħatra tiegħu, ukoll għaliex l-atturi ma kinux qegħdin jidhru għas-seduti minħabba li marru jgħixu fir-Renju Unit. B'degriet mogħti fl-10 ta' Novembru, 2004, il-Qorti kienet tat żmien lill-atturi biex iressqu Nota biex jiddikjaraw jekk kienx għad fadlilhom interess fil-kawża. Iż-żmien għadda u n-nota ma tressqitx. Il-Qorti ħalliet il-kawża *sine die* b'degriet tat-12 ta' Jannar, 2005, u fit-13 ta' Lulju, 2005 marret deżerta. Fl-20 ta' Novembru, 2006, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjoni ta' dritt marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami tinbena fuq iċ-ċirkostanza tar-rinunzja tal-atti u l-effetti li din iġġib magħha. L-imħarrkin jgħidu b'ġurament li sal-lum baqgħu ma tħallsux l-ispejjeż taxxati tal-kawża li l-atturi kienu fetħu fl-1998, u liema kawża kienet marret deżerta. Dan il-fatt reġa' tennih l-għaref avukat tagħhom dak inhar li l-kawża ssejħet. L-attriċi *nomine* ma meriet bl-ebda mod dan il-fatt u lanqas uriet, per eżempju, xi forma ta' riċevuta jew prova ta' ħlas tal-imsemmija drittijiet;

Illi l-liġi hija ċara li, bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad, il-proċediment jintemm imma ma jintefiex il-jedd għall-azzjoni[4]. Madankollu, l-liġi tgħid ukoll li r-rinunzja għall-atti għandha l-istess effett tad-deżerzjoni u parti li tirrinunzja għall-atti ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa qabel ma hija turi li tkun ħallset l-ispejjeż

[3] Ara paġġ. 49 sa 53 tal-Att tal-Kawża 1022/98JRM
[4] Art. 963(6) tal-Kap 12

tal-kawża l-oħra lill-parti l-oħra[5]. F'każ bħal dan, jekk kemm-il darba titressaq kawża oħra bl-istess mertu bla ma jkun sar il-ħlas preventiv, il-parti mħarrka għandha jedd li tqanqal l-eċċezzjoni relattiva li, jekk tintlaqa', twassal lil dik il-parti li tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża[6];

Illi l-liġi torbot ir-regola tal-ħlas tal-ispejjeż lill-parti l-oħra dwar il-kawża ta' qabel ma azzjoni li tkun "għall-istess ħaġa". Dan jgħodd ukoll jekk it-tieni kawża titressaq quddiem Qorti differenti minn dik li quddiemha kienet tressqet il-kawża li ġiet ċeduta[7]. Il-ħlas li ssemmi l-liġi huwa l-ħlas tad-drittijiet lill-parti l-oħra u mhux ukoll l-ispejjeż dovuti lir-reġistru[8] Dak li jikkostitwixxi "l-istess ħaġa" m'huwiex tabilfors l-użu tal-istess kliem, imma n-natura fil-qofol tal-azzjoni l-waħda u l-oħra;

Illi l-Qorti hija tal-fehma wkoll li r-regola tal-artikolu 907 tidħol fis-seħħ biss jekk kemm-il darba t-tieni kawża tinbeda **wara** li l-ewwel waħda tkun diġa' ġiet ċeduta. Minn kliem il-liġi, ma jidhirx li persuna li tkun bdiet it-tieni kawża **waqt** li l-ewwel waħda tkun għadha għaddejja jaqa' fuqha l-obbligu li tħallas lill-parti l-oħra l-ispejjeż tagħha tal-ewwel kawża qabel tista' tressaq it-tieni azzjoni. Ma jidhirx li l-parti mħarrka, f'każ bħal dan, tkun tista' tinvoka l-kundizzjonijiet tal-artikolu 907(2), imma biss l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*[9];

Illi meta wieħed iqabbel il-fatti li ġraw f'din iċ-ċirkostanza mal-prinċipji fuq imsemmija, wieħed għandu jsib li l-attriċi *nomine* ma setgħetx tiftaħ il-kawża tal-lum qabel ma tkun wettqet dak il-ħlas. L-effetti tad-dispożizzjoni tal-liġi huma ta' xejra perentorja tal-ġudizzju tali li, jekk kemm-il darba jintwera li l-ispejjeż tal-kawża ta' qabel li tkun marret deżerta ma jkunux għadhom tħallsu qabel ma tkun infetħet il-kawża l-ġdida, dak in-nuqqas iħalli effett li jolqot fl-essenza tagħha t-tieni azzjoni bil-konsegwenza li l-parti mħarrka t-tieni darba tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża;

---

[5] Art.907 tal-Kap 12;
[6] Caruana Galizia **Notes on Civil Procedure,** paġ. 1452
[7] App. Krim. Inf. **30.6.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Manġion vs Meli Buġeja*** (Kollez. Vol: **XLIV.iv.771**)
[8] P.A. **30.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Bartolo et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.555**)
[9] Art. 792 tal-Kap 12

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u fin-nuqqas sħiħ ta’ kontestazzjoni min-naħa tal-attriċi *nomine*, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari tal-miżżewġin Anastasi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin miżżewġin Anastasi u ssib li l-attriċi *nomine* ma setgħetx tiftaħ din il-kawża ladarba naqset li qabel għamlet hekk naqset li tħallas l-ispejjeż taxxati tal-kawża bl-istess mertu li kienet marret deżerta; u għalhekk

**Teħles lill-imħarrkin** miżżewġin Anastasi milli jibqgħu fil-kawża, bi spejjeż għall-attriċi *nomine*.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------